MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Numru. 314/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Stephen Paul Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Paul Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 694960(M), talli:
1. Nhar is-16 ta’ Novembru 2009, u x-xhur ta’ qabel fil-hanut bl-isem “Super DVD Rentals” Triq il-Qalb ta’ Gesu`, Qawra:

a. ffalsifika jew bidel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew

imbdiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-biegh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblama imxebbhin b'qerq;

u cioe` diversi DVD Films.
2. U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc:
Stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew ta' tahtha.

Wara li rat il-Kunsens tal-Avukat Generali u l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u rega' kkonferma tali akkuza anke wara li l-Qorti taghtu z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Wara li rat l-Artikolu 298 (1) (a), (c) u (f), u l-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, qed issib lill-imputat Stephen Paul Attard hati tal-akkuzi kif migjuba kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Inoltre tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti elevati mill-prosekuzzjoni taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------